# F'Wied il-Għajn tal-Imgħoddi

Anton Attard



Meta Wied il-Għajn kien għadu biss villaġġ tas-sajd u mgħammar biss minn ftit familji, kien il-post ideali biex fix-xhur tas-sajf, għadd imdaqqas min-nies tal-Kottonera u oħrajn minn inħawi qrib, kienu jfittxuh ħafna fil-ħin ħieles tagħhom. Sa mill-bidu tas-seklu għoxrin diġà kien hawn servizz ta' trasport lejn Wied il-Għajn mill-ibliet tal-Kottonera. Dan il-villaġġ kien imfittex ħafna wkoll mill-baned tal-Kottonera u oħrajn fil-qrib bħala wieħed mid-destinazzjonijiet tagħhom waqt dawk li kienu magħrufin bħala marching out, meta l-baned imseħbin minn għadd ta' nies kienu jmorru għal xi mixja mdaqqsa mal-passi tad-diversi marċi li kellhom fl-arkivji tagħhom. Allura dan il-villaġġ rari kien ikun nieqes minn xi speċi ta' programm mużikali li spiss kienu jżidu dawn il-baned f'xi wieħed mill-jiem ta' tmiem il-ġimgħa fil-ġranet sbieħ tar-Rebbiegħa jew il-Ħarifa.

**Attivitajiet Sportivi**

Dawk li kienu jgħaddu l-ġranet tas-Sajf hawn, ma kinux jonqsu li jorganizzaw diversi attivitajiet, fosthom serati tat-tejatrin, tiġrijiet b'opri tal-baħar u xi lejla sportiva li kienu jorganizzaw għat-tfal u għaż-żgħażagħ, it-tabib Pawlu Decaro flimkien ma' ħuh u mas-Sur Ġużè Cachia, li t-tnejn li huma kellhom dar tal-villeġġjatura hawn. Dawn l-attivitajiet ġieli ngħataw ċerta prominenza fil-ġurnali ta' dak iż-żmien. Wieħed fosthom kien rapport dwar dik li ssejħet lejla sportiva li nżammet għat-tfal u ż-żgħażagħ li deher fil-ġurnal *Malta Tagħna* tad-9 ta' Awwissu 1909.

Fis-serata msemmija kien ġie rrapurtat li t-toroq tal-villaġġ ġew imżejna għall-okkażjoni u fuq il-bejt tal-Għassa kienet ittellgħet tperper il-bandiera Ingliża. Din l-attività bdiet fit-3.30 ta' wara nofsinhar b'marċi brijużi tul it-toroq tal-villaġġ minn Banda (li sfortunatament baqgħet ma ssemmietx). Wara bdew diversi tiġrijiet għall-bniet u għas-subien u oħrajn għal żgħażagħ akbar li kienu jinkludu tiġrijiet bir-roti u *tug of war.* Ma' dawn kienu żdiedu wkoll tiġrijiet għall-ġenituri.

**Oħrajn li ma rnexxewx**

Għalkemm il-biċċa l-kbira ta' dawn l-attivitajiet sportivi kienu jirnexxu, kien hemm waqtiet meta xi wħud minnhom qanqlu l-inkwiet. Fost dawn kienet tiġrija ta' dgħajjes bil-qlugħ mill-bajja ta' dan il-villaġġ lejn dik ta' Birżebbuġa u lura, li kienet saret fil-6 ta' Awwissu 1905 u rrapurtata bi prominenza mill-ġurnal *Malta* ta' l-għada.

Inkiteb li t-tiġrija bdiet f'riħ ideali, iżda ftit wara żied sewwa u tliet dgħajjes biss irnexxielhom jaslu B'Bugia. Oħrajn ma komplewx it-triq u reġgħu lura lejn Wied il-Għajn. Iżda tnejn mill-parteċipanti, li kienu laħqu qabżu l-ponta ta' Delimara, iddeċidew li jkomplu sal-aħħar, iżda għarralhom bl-ikrah, għax ir-riħ kompla tqawwa u deher diffiċli kemm biex jaslu B'Bugia u kemm biex jerġgħu lura Wied il-Għajn. Iżda waħda minnhom ġabitha żewġ u rnexxielha tiġi lura. Meta l-organizzaturi saru jafu bil-periklu li kienu fih Pawlu Cilia La Corte, Ugo Gerada u Franġisku Portelli, it-tlieta minn Bormla, li kienu l-ekwipaġġ tad-dgħajsa l-oħra, intalbet l-għajnuna tal-Pulizija Marittima. Sadanittant ir-riħ kompla jżid, il-baħar tqawwa wkoll u d-dgħajsa tal-Bormliżi bdiet titkaxkar 'il barra mill-art.

**Tmiem b'Wiċċ il-Ġid**

Fost l-organizzaturi kien hemm l-Avukat Lorenzu Ellul. Dan ħaffef lejn il-Bajja ta' San Tumas u talab l-għajnuna ta' wħud mis-sajjieda li nzertaw hemm. Wieħed offra d-dgħajsa żgħira tiegħu li minħabba nuqqas ta' spazju telgħu fiha biss l-avukat, flimkien maż-żewġ sajjieda Anġlu Montebello u Ġużeppi Sarria, li bdew jaqdfu lejn id-dgħajsa li issa kienet qed tinqala', 'l barra mill-kosta mhux ftit.

Fl-istess ħin, mill-Bajja ta' Wied il-Għajn, marru jagħtu l-għajnuna tagħhom żewġ dgħajjes oħra; waħda b'sitt sajjieda tal-lokal u oħra tas-Sur Franġisku Petroni, li telgħu fuqha hu flimkien ma' ibnu u magħhom is-Sur Mikiel Paris. Ftit wara, waslet il-lanċa tad-Dwana li ngħaqdet magħhom biex tagħti l-għajnuna.

Għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar laħqu d-dgħajsa mitluqa għal riħha 'l barra sew mill-kosta, bl-ekwipaġġ tagħha għajjenin għall-aħħar u mingħajr forza li jdaħħluha lura lejn l-art.

L-ewwel li waslet ħdejha kienet id-dgħajsa bl-Avukat Ellul u ftit wara dawk li ħarġu mill-Bajja ta' Wied il-Għajn. Dawn irmunkawha kif setgħu, iżda wara li waslet il-lanċa tad-Dwana, armata bil-mutur kif kienet, xogħolhom ħfief ħafna u fi ftit ħin kienu deħlin fil-bajja mnejn telqu.

Minkejja dan l-inċident, it-tiġrijiet bil-qlugħ u opri oħra tal-baħar flimkien ma' tiġrijiet fuq l-art għaż-żgħażagħ u t-tfal, bħal dawk li diġà rajna aktar 'il fuq, komplew isiru għal ħafna snin wara. Permezz tagħhom, dan il-villaġġ kien wieħed mill-aktar lokalitajiet imfittxija fil-ġranet tas-Sajf u bosta personalitajiet distinti kienu jgħaddu l-vaganzi tagħhom f'xi waħda mid-djar li kellhom hawn.